MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-24 ta' Lulju, 2012

Numru 917/2005

Il-Pulizija
(Spettur Johann J.Fenech)

vs

Emanuel Deguara

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 18252M, akkuzat talli fl-24 ta' April 2005 ghal habta ta' 20.40hrs:

1. volontarjament ikkaguna hsarat fil-hanut 'Powerbar' li jinsab fi Triq il-Bajja is-Sabiha, B'Bugia, liema hsara tammonta ghal Lm120 u dan ghad-dannu ta' Etienne Attard u Joseph Carabott miz-Zejtun;
2. fl-istess data, lok u hin kiser il-paci pubblika u l-bon ordni b'ghajjat, storbju, glied jew mod iehor.

Il-Qorti mitluba li barra li tapplika l-piena stabbilita ghal dan ir-reat, tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 383 tal-Kap 9 ghas-sigurta' ta' Etienne Attard u Joseph Carabott.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

Din hi kawza li tinvolvi allegat dannu ta' Lm120 li allegatament sofra l-hanut 'Power Bar', sit f'Birzebbugia, Triq il-Bajja is-Sabiha, kawza ta' xoghol li sar mill-imputat fuq 'skylight' imwahhla fuq il-bejt tal-appartament tieghu sovrapost ghall-hanut u taghti ghan-nofs l-ambjenti tal-hanut. Issa, m'hemm ebda kontestazzjoni li fil-gurnata u hin in kwistjoni, kif imsemmi fl-avviz, l-imputat intraprenda jaghmel xoghol fuq wahda mill-hgigiet ta' dan lis-'skylight'. Il-Pulizija li acceda fil-hin propizju xehed li osserva hgieg miksur fl-art fil-hanut u hgiega wahda fl-iskylight maqlugha li nkisret fl-ambjenti tal-hanut; osserva wkoll li hgieg iehor ta' lis-'skylight' kienu juru xquq. Xehdet il-persuna li kienet tiggestixxi l-hanut li mistoqsi rigward il-hsara stqarr li apparti dik fl-'skylight', li sewwieha l-imputat, hsara ma kienx hemm. Skond aktar xhieda li semghet il-Qorti jirrizulta li apparti l-hgiega kien hemm briksa adjacent ghal l-istess 'skylight' li kienet imxaqqa. Xhieda prodotta mill-kwerelant tghid li fuq inkarigu tieghu u ghamel ix-xoghol necessarju billi pogga 'flange' bhala support minn taht biex itieha stabilita'. Dan ix-xhud f'parti tax-xhieda tieghu jghid li l-briska ma sostitwiex u l-'flange' halliha kif kien wahhala. Il-Qorti kienet hatret lill-Perit Mario Cassar, fuq talba tad-difiza, biex jispezzjona l-fond in kwistjoni u jirraporta dwar lis-'skylight' u fejn sar ix-xoghol. Mir-rapport bazat fuq il-kostazzjonijiet li ghamel fuq il-post

irrizultalu li ma kienet tidher ebda ‘flange’. Huma x’in huma l-fatti fl-udjenza tas-6 ta’ Gunju ta’ dina s-sena l-kwerelant irrinunzja ghal kull haga rinunzjabbli. Fid-dawl ta’ dak li ntqal mill-Qorti f’din is-sentenza u dan il-fatt tar-rinuzja tal-kwerelant qed tiddeciedi li tieqaf milli tiehu aktar konjizzjoni tal-kawza u tiddikjara procediment esawrit. Fuq talba tal-prosekuzzjoni ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap 9 u l-allokazzjoni tal-ispejjes tal-perit minnha nominat fuq talba tad-difiza, tikkundanna l-imputat biex ihallas lir-Registratur is-somma ta’ 448.81 Ewro import ta’ dawn l-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------